# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)

## Seduta mizmuma llum, 18 ta' Jannar 2017

## Rikors Numru: 223/2013 CSH

## Giorgina Azzopardi

## Vs

## Arriva Malta Limited (C 48875) u Clint Degabriele li gie kjamat in kawza b'digriet moghti fit-13 ta' Novembru 2013 u b'digriet tat-12 ta' Frar 2014 isem is-socjeta' konvenuta inbidel ghal Malta Public Transport Services (Operations) Limited

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Awwissu 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta prevja dikjarazzjoni li hija unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar id-29 ta' Frar 2012 ghall-habta tas-1pm fuq xarabank tas-socjeta' konvenuta, meta filwaqt li l-attrici kienet ghadha kemm telghet fix-xarabank, ix-xufier addett mas-socjeta' konvenuta saq habta u sabta u b'konsegwenza ta' liema incident l-attrici soffriet diversi griehi u kumplikazzjonijiet ohra ta' natura permanenti, liema incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja, *non curanza* u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha

jew tal-impjegati taghha, thallas dak l-ammont li jigi minn dina l-Onorabbli Qorti likwidat bl-opera *occorrendo* ta' periti nominandi u li ma jeccedix il-kompetenza taghha, in linea ta' danni subiti mill-attrici (*damnum emergens* u *lucrum cessans*) b'konsegwenza ta' tali incident.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-16 ta' Novembru 2012 kif ukoll ta' l-ittra ufficjali li qed tigi pprezentata kontestwalment mal-prezenti *ai termini* tal-provvedimenti tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa qed tigi ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Arriva Malta Limited illum maghrufa bhala Malta Public Transport Services (Operations) Limited li giet prezentata fit-2 ta' Ottubru 2013 fejn eccepiet:

1. *"Illi preliminarjament, is-socjeta' konvenuta Arriva Malta Limited m'hijiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, la s-socjeta' konvenuta u l-ebda mill-impjegati taghha ma huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid tipprova d-danni realment subiti minnha.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*
*Bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet u rat id-dokumenti esebti minnhom.

**Giorgina Azzopardi** xehdet fis-6 ta' Novembru 2013 fejn hija qalet li tiftakar li s-sena ta' qabel kienet *leap year* u fid-29 ta' Frar 2012 hija kienet telghat fuq xarabank tal-Arriva u kienet lahqet qatghet il-biljett. Hija spjegat li kienet

qabdet din ix-xarabank minn Rahal Gdid u kienet bi hsiebha tinzel tas-Sliema u tmur passiggata The Point. Hija taf li n-numru tax-xarabank kien X2. Hija tat il-flus lix-xufier u hu taha l-biljett. Wara x-xufier qala' u bl-iskoss hija waqghet u kisret saqajha. L-attrici baqghet fuq din l-istess xarabank li kienet ser tghaddi minn hdejn Mater Dei u l-Universita u hija waqt li kienet ghadha mal-art gew in-*nurses* mill-isptar, u ghinuha u filfatt dahlu l-*wheelchair* fil-karozza u dahlet l-emergenza u kien hemmhekk li ghamlet ir-rapport.

L-attrici sostniet li qabel l-incident in kwistjoni hija kienet attiva hafna u anke kienet tmur tghum. Pero' bhala rizultat tal-incident illum hija timxi bil-bastun u ma hi kapaci tmur imkien tant li lanqas ghall-quddies ma tmur. Hija giet *disabled* ghal kollox. L-attrici stqarret illi kienet wahedha fuq ix-xarabank. Taf li warajha kien hemm wahda mara li jisimha Cettina u kienet indirizzat u rrabjat mad-driver ghal mod ta' kif saq. Hija esebiet il-biljett in kwistjoni li l-Qorti mmarkat bhala Dokument GA. Hija esebiet ukoll dokument iehor li l-Qorti mmarkat bhala Dokument GA1 li hija l-ittra li rceviet minghand is-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013 Dr Bonello ghall-attrici talab li Clint Degabriele jigi kjamat in kawza u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Clint Degabriele li giet ipprezentata fis-7 ta' Jannar, 2014 fejn eccepixxa:

1. *"Illi t-talbiet tal-attrici rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-eccipjenti stante li huwa ma' huwiex responsabbli ghall-korriment ta' Azzopardi Giorgina kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dana l-umli rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi;*

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjez."*

**Melanie Camilleri** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici Middlesea xehdet fid-9 ta' April 2014 fejn iddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta' *senior executive* fil-claims department tal-Middlesea Insurance. Hija giet murija dokument li jinsab esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala Dok. GA1 a fol 10 tal-process. F'din l-iitra hija kitbet li s-socjeta' minnha raprezentatha ma kienitx qed tassumi r-responsabilita tal-incident u dan ghaliex skond informazzjoni li irceviet minghand is-sewwieq tax-xarabank numru ta' registrazzjoni BUS 237 tas-socjeta' konvenuta kien applika il-breaks sabiex jevita kollizjoni ma' vettura ohra li kient harget minn fuq stop sign. Hija spjegat li din l-ittra harget minnha stess. Dan abbazi ta' statement li gie miktub mix-xufier li kien qieghed isuq ix-xarabank tal-Arriva u cioe' dakinhar tal-incident, liema statement hija esebiet ukoll u gie markat bhala Dok. CSH ( fol. 28).

**Joseph Simiana** xehed fis-7 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' manager mas-socjeta' konvenuta. Huwa kkonferma li fid-29 ta' Frar 2012 ghal habta tan-nofs siegha kien hemm rotta X2 li ghaddiet minn Rahal Gdid ghad-direzzjoni lejn San Giljan. Ix-xhud tenna li effettivament kien gie rappurtat li din ir-rotta kienet involuta f'xi incident. Ix-xufier in kwistjoni kien Clint Degabriele. Huwa esebixxa r-rotta ta' dakinhar li l-Qorti mmarkat bhala Dokument X. Spjega li l-ewwel pagna turi d-*duty* li kienet taghmel il-bus in kwistjoni misjuqa minn Clint Degabriele, it-tieni pagna hija *sign on sheet* li tindika li effettivament Clint Degabriele kien dahal ghax xoghol, u li l-bus in kwistjoni kienet fid-depot qabel ma harget fuq din ir-rotta.

**Thomas Muscat** xehed bhala rapprezentant tal-isptar Mater Dei nhar id-19 ta' Novembru 2014. Huwa esebixxa kopja vera tal-medical history ta' l-atttrici

mehuda mill-*medical file* ta' l-istess Giorgina Azzopardi mid-29 ta' Frar, 2012 sa llum. Dawn id-dokumenti gew immarkati bhala Dokument TM ( fol. 60).

**Mr Ivan Esposito** xehed fit-13 ta' Jannar 2015 fejn iddikjara li huwa kien il-konsulent kirurgu tal-ghassa meta l-attrici Giorgina Azzopardi giet ammessa l-isptar Mater Dei. Huwa spjega li l-attrici allegatament kienet involuta f'incident tat-traffiku fejn primarjament sofriet xi griehi fir-rigel tax-xellug u kellha *periprosthetic fracture* li tfisser ksur madwar l-ghadma li l-jog vicin tieghu kellu *joint replacement*. Fil-kaz taghha qal illi fis-sena elfejn kellha *hip replacement* u meta sussegwentament dahlet l-isptar fl-elfejn u tnax irrizulta li kellha ksur madwar dan l-istess *hip replacement*. In segwitu l-attrici kienet giet operata fl-1 ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax fejn ghamlet pjanca bil-viti bil-wires biex tinzamm l-ghadma miksura f'postha.

Ix-xhud gie muri l-*medical history file* tal-istess attrici liema file jinsab a fol 60 tal-atti. Huwa tenna li l-ahhar parti ta' dan il-file jikkoncernaw in-notamenti ta' meta l-pazjenta kienet involuta f'dan l-incident u kellha din l-operazzjoni l-isptar u dana datat 29 ta' Frar 2012. Huwa tenna li hemm ukoll notamenti tal-isptar Karin Grech meta l-pazjenta giet trasferita Karin Grech ghal *rehabilitation*. Hemm ukoll notament meta l-pazjenta regghet dahlet l-isptar fil-15 ta' Novembru 2012u dan ghax inqasmilha l-istess *plate* li kienu ghamlu in konnessjoni ma' din l-istess operazzjoni. Hemm notamenti wkoll ta' meta l-pazjenta regghet giet trasferita Karin Grech ghar-rijabilitazzjoni u l-ahhar parti m'ghandux x'jaqsam mal-mertu ta' din il-kawza. Ix-xhud iddikjara l huwa specjalist fl-ortopedija u *trauma*. Mistoqsi jekk harigx xi *disability report* fil-konfront ta' din is-sinjura qal illi le ma harigx, minkejja illi hija kompetenza tieghu li johrog *disability report.*

Rat id-digriet taghha tat-13 ta Jannar 2016 fejn innominat lil Mr Ray Gatt bhala eseprt fl-ortopedija sabiex johrog disability report fuq l-attrici in konnessjoni mal-incident mertu tal-kawza odjerna.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku Dr. Ray Gatt minnu mahlufa fit-28 ta' Ottubru, 2015. Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li:

*Fil-fehma tieghu Giorgina Azzopardi ghandha dizabilita' fizika permanenti stmata ta' 10% bhala rizultat tal-incident ta' Settembru 2012. Din hija maqsuma f'dizabilita' ta' 16% fuq l-immobilita' tal-irkoppa tax-xellug (table 17-10,p537)*[1] *u 3% minhabba d-diskrepanza tad-differenza fit-tul (table 17-4 p528)*[2]*. Dawn flimkien jigu total ta' 19%.*

Illi nhar is-27 ta' Jannar, 2016 xehed **Mr. Ray Gatt** u kkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu ezebit f'dawn l-atti salv u b'eccezzjoni ghal zball li jidher a fol 82 tal-process fl-ahhar paragrafu tal-istess rapport fejn hemm miktub *ten per cent*. Qal li din ghandha tinqara *nineteen per cent*. Spjega li l-persentagg tad-dizabilita' hu maqsuma fi tnejn - *sixteen per cent* dwar l-immobilita' tal-irkoppa tax-xellug waqt li *three per cent* minhabba d-diskrepanza fit-tul. Stqarr li huwa minnu illi qabel l-incident l-attrici diga' kellha *hip replacement* u kellha diffikulta fil-mobbilta' taghha, pero' qal li n-nuqqas ta' mobbilta' li kellha ma kinitx taffetwalha l-irkoppa taghha. Iddikjara li hu ra ir-*range of movement* tal-irkoppa u bbaza d-dizabilita' taghha fuq hekk. Ikkonferma li wara li l-attrici kienet waqghet minn fuq il-bus kellha incident iehor fejn regghet waqghet. Stqarr li l-persentagg ta' *nineteen per cent* kien tah fil-jum meta ezamina lil Giorgina Azzopardi, ghalhekk spjega li d-*disability* li ta hija *residual* ghal konsegwenza taz-zewg waqghat.

[1] Guides to the Evaluation of Permanent Impairment. (American medical Association, Fifth Edition).
[2] Ibid.

Rat in-nota ta' l-attrici pprezentata fl-atti nhar is-27 ta' Jannar 2016 li permezz taghha esebiet l-pay slips tal-kontribuzzjonijiet li hija tirceivi minghand id-dipartiment tas-sigurta' socjali (Dok ST1 sa ST4 fol 104) ghal madwar €604 fix-xahar.

Rat in-nota ta' l-attrici pprezentata fl-atti nhar id-9 ta' Marzu 2016 li permezz taghha esebiet kopja ta' ittra ufficcjali li kienet baghtet lis-socjeta' konvenuta kif ukoll kopja legali tal-ittra li kienet baghtet lis-socjeta' assikurattrici ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn gew immarkati bhala Dok IU1 u IU2 rispettivament.

Fis-27 ta' April, 2016 semghet lil **Matthew Micallef** jixhed ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mapfre Middlesea plc fejn huwa kkonferma li huwa jokkupa l-kariga ta' Senior Claim Handler. Rigward l-incident li sehh fid-29 ta' Frar 2012 fejn kienet involuta Giorgina Azzopardi, qal li huma kienu baghtu ghad-*driver* involut li kien qed isuq ix-xarabank. Dan kien irrilaxxa *statement*. Ix-xhud qal li kull ma jaf dwar il-kaz huwa dak li qalilhom Clint Degabriele. Esebixxa dan l-istatement li gie mmarkat bhala Dok, MM1 (fol. 119) identiku ghal dak esebit mix-xhud Melanie Camilleri.

Fis-27 ta' April, 2016 xehdet ukoll **Rita Azzopardi** in rapprezentanza tas-socjeta' Malta Public Transport. Hija ddikjarat li tahdem bhala Risk and Insurance Co-Ordinator mal-Malta Public Transport. Qalet li fil-file relattiv tal-incident li sehh fid-29 ta' April, 2012 sabet ir-rapport tax-xufier Clint Degabriele li jgib l-istess data w iffirmat mill-istess Degabriele. Esebiet kopja ta' dan ir-rapport li l-Qorti mmarkat bhala Dok. RA1.

F'dan ir-rapport id-driver Clint Degabriele spjega illi kien hemm mara li rikbet ix-xarabnak mill-istage ta' hdejn il-habs ta' Kordin. F'daqqa wahda huwa zamm break bil-mod u din waqghet minn bilqieghda ghall-irkuptejha mal-art tal-bus. Imbaghad ix-xuffier flimkien mal-passigiera l-ohra ghenuha sabiex titla minn mal-art u qamet u r-rotta baqghet ghaddejja. Kif waslu hdejn l-isptar spjega li din il-mara ma felhitx tqum fuq saqajha u pprovaw jghinuha izda ma setghetx tqum u d-driver offrielha biex tidhol l-isptar u flimkien mal-inspector Warren Mallia huma ghinuha ghal fuq *wheelchair*. Is-securities dahlu l-pazjenta l-isptar u r-rotta baqghet ghaddejja.

Fit-28 ta' Gunju, 2016 xehed il-kjamat in kawza **Clint Degabriele** u kkonferma illi kien ix-xufier tax-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni BUS 237 li kienet telqet mill-Ajruport lejn Mater Dei. Qal li din hija tat-tip ta' bendy bus u tesa' madwar tletin passiggier jew aktar. Spjega li kien wasal Rahal Gdid, faccata tal-istage li hemm il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u marret din il-mara, l-attrici, biex titla'. Qal li din il-mara filfatt gia kienet tbati b'saqajha biex titla' ghax filfatt ghenha biex titla'. Hallset il-biljett u warajha telghu xi nies u hallsu ghall-biljett taghhom. Din poggiet warajh fejn hemm post ghad-*disabled* u hu qabad niezel in-nizla.

Qal li x'hin wasal hdejn ir-*roundabout* ta' Rahal Gdid, din il-mara waqghat speci ghar-rkopptejha fix-xarabank stess, u dan ghaliex is-*seat* tad-*disabled* fuq il-*bendy bus* m'ghandux x'jilqa' bhas-*seats* l-ohrajn. Kompla li malli ra hekk, ipparkja fil-genb. Kien hemm mara u ragel li ghenuh biex jerfawha ghaliex kienet mara tqila u kienet qed tbati biex tqum. Hu kompla bil-vjagg. Qal li meta waslu Mater Dei mar gabilha *wheel chair*, marru wkoll in-nurses u ghenuha tinzel u hu kompla normali. Irrimarka li jekk il-cameras t'hemm jahdmu, jista' jidher hu jghin lil din is-sinjura. Iddikjara li qabel beda jahdem mal-Arriva kien jahdem max-xarabanks is-sofor u qatt ma kellu accidenti. Fil-fehma tieghu din il-mara zgur li kellha aktar minn sebghin sena u kien jidher li

kienet mara tbaghti timxi ghaliex anki biex telghat fuq tal-linja baghtiet u filfatt kellu jghinha wkoll biex titla' fuq ix-xarabank. Spjega li biex titla' x-xarabank hemm xi tnax-il pulzier. Ikkonferma li effettivament il-mara kienet waqghet minn fuq is-seat meta kienet diga' bilqieghda w kien diga' telaq. Ikkonferma wkoll li s-sinjura waqghet hdejn ir-*roundabout* ta' Kordin, kif gie biex idur.

Qal li huwa w sejjer lejn ir-*roundabout* ta' Kordin kien hemm vann ta' Farsons li waqaf u huwa qabzu w ghaggel ftit ghax kienu gejjin il-karozzi, w kif ha jdur ftit il-mara waqghet ghax ma kellhiex ma fejn izzomm. Sostna illi l-*bendy bus* min-natura taghha tintlewa u tibbendja, u zied li kieku l-mara kienet bilqieghda fuq seat iehor ma kinitx taqa' ghax ikun hemm l-ilqugh. Hadd iktar ma wegga' ghalkemm jahseb li dakinhar fuq ix-xarabank kien hemm xi tmintax-il ruh.

In kontro-ezami x-xhud qal li bejn is-seats tad-*disabled* m'hemm xejn x'jilqa', hemm vojt totali. Zied jghid li meta tpoggi bilqieghda fuq dawn is-*seats* hemm cinga li suppost tintrabat, izda din il-mara fl-ebda hin ma ntrabtet minkejja li kien hemm cinga biex tintrabat.

**Clint Degabriele** rega' xehed fit-28 ta' Settembru, 2016 fejn ikkonferma li kull xarabank tal-Linja ghandha camera. Mistoqsi jekk hu ghandux access ghal dawn il-cameras, wiegeb li hu semplici xufier u zied li ghalih filfatt ikun ahjar jekk jigu ezebiti l-cameras ghax ikunu jistghu jaraw kif sehh l-incident. Qal li fil-post fejn poggiet l-attrici ma kienx hemm ilqugh. Stqarr li jaf li waqghat gharrkubtejha u jaf ukoll illi qabel ma telghet fix-xarabank kienet diga' tbaghti b'saqajha ghax ghenha hu biex titla'. Zied li warajha kienu telghu tnejn min-nies ohra u ghalhekk ma setax isuq mill-ewwel. Qal li minkejja li kienu talbuha biex tpoggi fuq *seat* iehor, hija nsistiet biex tpoggi fejn poggiet. Spjega li l-velocita' li jlahhqu l-bendy buses huwa ta' *sixty,* u dakinhar seta' kien ghaddej b'fifty jew forty. Irrepeta li l-i*speed* massimu tal-bus huwa *sixty kilometres per*

*hour*. Degabriele qal li hu ilu jsuq seba' snin u qatt ma kellu accidenti ohra. Mistoqsi kif kien it-traffiku dakinhar qal li kien miexi normali.

Semghet lill-avukati difensuri tas-socjeta' konvenuta u tal-kjamat in kawza jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2016 fejn awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-incident huma s-segwenti:

1. Illi nhar id-29 ta' Frar 2012 l-attrici rikbet fuq xarabank hdejn l-istage tal-habs, Rahal Gdid u poggiet b'xelta taghha fuq is-seat tad-disabled.
2. Il-kjamat in kawza jghid li l-attrici gja kellha problema fil-mobilita' taghha meta telghet fuq ix-xarabank tant li kellu jghinha.
3. Illi appena beda jsuq id-driver dan ha break normali u l-attrici waqghet minn fuq dan is-seat ghal irkuptejha u ma felhitx tqum.
4. Id-driver u xi passiggiera ohra li kienu fuq ix-xarabank ghenuha tqum u r-rotta kompliet normali lejn l-Isptar fejn in segwitu kellha tkompli ghal San Giljan.
5. Illi skond ma qal id-driver u mhux kontradett, is-seat fejn poggiet l-attrici kellu cinturin li suppost il-passiggiera tintrabat bih ghaliex ilqugh iehor ma hemmx pero' il-passiggiera dan m'ghamlitux u kien ghalhekk li waqghet ghal irkuptejha.
6. Bhala rizultat ta' dan l-incident l-attrici sofriet danni b'disabilita' ta' 19% skond ma rrelata il-kirurgu Ray Gatt.

Dwar dawn il-fatti per se ma hemmx kontestazzjoni salv ghal dik il-parti tax-xhieda ta' l-attrici li tghid li d-driver qabad u saq u zamm break qawwi u kien ghalhekk li waqghet. Hija pero' fix-xhieda taghha ma taghmel l-ebda referenza ghac-cinturin li kien hemm u li ma ntuzax.

F'din il-kawza ghalhekk l-attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha dik is-somma li tigi likwidata minnha rapprezentanti d-danni sofferti minnha stante li s-socjeta' konvenuta impjegat pesuna li ma kinitx kapaci issuq u l-incident sehh minhabba is-sewqan improvist u negligent taghha waqt li talbet ukoll li jigi kkundannat il-kjamat in kawza Clint Degabriele bhala is-sewwieq tax-xarabank dakinhar tal-incident.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li mhix responsabbli ghal dan l-incident peress li dan l-incident sehh tort uniku ta' l-istess attrici li ghazlet li tpoggi fuq seat fejn ma kienx hemm ilqugh u li d-driver tax-xarabnak in kwistjoni saq b'manjiera tajba u skond ir-regolamenti tat-traffiku. Il-kjamat in kawza ukoll isostni li m'ghandux jinzamm responsabbli ghal dan l-incident li sehh tort uniku tal-istess attrici ghaliex ma intrabtitx meta ghazlet is-seat li ghazlet biex tpoggi fejn kien hemm addirittura cinturin ghal talapposta. In oltre id-driver jghid ukoll li l-manuvra li ghamel kienet wahda solita fis-sens li kellu jzomm break kif del resto ghamel sabiex jevita incident ma' vettura ohra.

Fil-kaz in ezami jista' jinghad li d-danni li sofriet l-attrici Azzopardi ma ġewx kontestati ut sic (ghalkemm donnu hemm nuqqas ta' qbil dwar il-percentagg tad-disabilita' kif moghti mill-espert nominat mill-Qorti). Konsegwentement id-danni huma ppruvati pero' ma jirriżultax, jekk hux il-konvenut jew il-kjamat in kawza jew addirittura l-attrici stess li hija responsabbli ghal dawn id-danni u jekk hemm persuna responsabbli, min ser jaghmel tajjeb ghalihom.

Kif jinghad fis-sentenza moghtija nhar it -28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet "**<u>GO p.l.c. vs Charles Dimech</u>**" ġie ritenut li "hu pacifiku li l-ligi trid illi min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu, imma mhux aktar minn hekk."

Il-Qorti tal-Appell, fid-9 ta' Frar, 2005, fl-Appell Civili fl-ismijiet "**Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta P.l.c. et**" irreteniet illi:

"*Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita extra kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita` ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista' tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta' kawzalita` mal-event dannuz;*"

Ir-rikorrenti qed tibbaza il-pretensjonjiet taghha fuq il-htija aquiliana li tippresupponi fatti li minnu titnissel ex nunc. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghal att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-attrici tallega li giet lilha kawzata. Fuq l-attrici tintefa' l-oneru li tippruvaw in-*nexus* bejn l-agir tal-kjamat in kawza u tas-socjeta' konvenuta u d-dannu minnha soffert (ara **Dr. 'Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe'**, PA 03/07/2003 fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Ovvjament kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dak l-uzu (**art. 1030 Kodici Civili).** Dan il-qies insibuh fl-**artikolu 1032(1**) fejn il-ligi tispjega li jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbilta' ghad-danni.

Armata b'dawn il-principji, l-Qorti fl-ewwel lok trid tara jekk id-danni sofferti mill-attrici kienux ir-rizultat tal-operat tal-persuni mqabbda mis-socjeta' konvenuta bhala driver jew jekk kienx id-driver innifsu li ghandu jwiegeb ghal dan l-incident awtomobilistiku. Addiritura jista' jirizulta wkoll li kien tort tal-istess attrici li korriet indipendentement mis-sewqan tad-driver stess. Li kien

hemm l-incident u li l-attrici korriet hu indiskuss. Dan hareg car mill-fatti u mid-dokumenti li gew esebiti li ma gewx konestati. Li l-attrici spiccat l-isptar u operata bhala rizultat ta' dan l-incident huwa wkoll indiskuss.

Pero' l-attrici ma tistghax tieqaf hawn. Trid tippruva illi l-hsara hi l-konsegwenza tal-operat tal-kjamat in kawza u/jew tas-socjeta' konvenuta jew min minnhom. Il-gurisprudenza tghallimna illi:

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mil-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet.*

*Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli" (***Emanuel Ciantar vs David Curmi et** *PA 28/03/2003)".*

Inoltre, kif intqal fil-kawza, '**Mifsud vs Camilleri'** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Apell, fil-15 ta' Dicembru, 2004, intqal li: "*Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu jrid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu*".

Jinsab ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi "*hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li*

*komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out', liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli*" – "**Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri *et***", Appell Civili, 23 ta' Frar 1962 (Vol. XLVI P I p 112);

*Dwar in-natura tal-kolpa li din il-Qorti trid tattribbwixxi, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Biagio Muscat vs Anthony Falzon'** deciza mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' Mejju 2003 fejn inghad li :-*

*"Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza,u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032(1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' levent dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili".*

*Il-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta' jipprevedi dak l-effett. Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min jaghmel dak l-att hija assoluta. Mhiex difiza tajba kontra din ir-responsabilita` l-allegazzjoni illi min ghamel l-att li gieb id-danni kien ilu jaghmlu zmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li ghalhekk min ghamel dak l-att ma setax jissupponi, li fil-kaz partikolari kien ser jinqala' dak li nqala."*

Issa f'dan il-kaz l- attrici harrket tnejn min-nies, u cioe's-socjeta' konvenuta u l-kjamat in kawza Clint Degabriele li kien qed isuq ix-xarabank daki nhar tal-incident. Harket lis-socjeta' konvenuta bhala is-socjeta' li maghha kien impjegat dan l-istess kjamat in kawza. Illi sabiex persuna kemm fizika, kif ukoll guridika, tinsab responsabbli ghad-danni, trid ikun ghamlet xi att ta'

kommissjoni jew ommissjoni li kkontribwiet ghall-incident. Issa mill-provi prodotti ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta naqset minn xi obbligi taghha bhal per ezempju li halliet x-xarabank fi stat hazin tinsaq minn bniedem iehor f'dan il-kaz il-kjamat in kawza jew xi haga simili.

Fis-sentenza li nghatat nhar il-11 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet '**Antonia Vella vs Joseph Camilleri et'** moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq kwistjoni simili, nghad li r-responsabilita'civili tal-konvenut ghad-danni kagunati minnu tohrog mill-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili*:*

*"...mhix kawza bbazata fuq nuqqas t'osservanza ta' disposizzjoni kontrattwali izda kawza ex delicto u ghalhekk il-propretarju tal-vann m'ghandux ikun responsabbli".*

Illi ghalhekk mill-bidu nett din il-Qorti ma tistax tara kif tista' issib htija fil-konfront tas-socjeta' konvenuta. Dwar il-kjamat in kawza l-iehor pero' l-Qorti ghandha xi tghid. Kull wiehed huwa responsabbli ghad-danni li huwa jikkaguna lil haddiehor bl-ghemil tieghu. Ghandu jigi pprovat in-ness ta' kawza u effett bejn id-danni reklamati u l-agir ta' min ikun ikkaguna d-danni.

Issa fil-kaz in ezami l-attrici qed issostni li hija sofriet danni peress illi korriet minhabba l-incident li kienet involuta fih meta kienet riekba mal-kjamat in kawza Clint Degabriele f'Rahal Gdid u huwa bbrejkja f'daqqa. M'hemmx dubju li x-xufier tax-xarabank ghandu certu obbligi li ghandu jzomm waqt li qed isuq, molto piu' meta qed igorr numru ta' nies fosthom tfal u anzjani. Illi x-xufier ghandu jiehu hsieb is-sahha u kura tal-passigieri tieghu li huma rekbin mieghu. Ix-xufier ghandu jzomm prudenza fis-sewqan tieghu u jzomm *a proper look out* il-hin kollu ghal dak li jkun ghaddej fit-triq.

Dan ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfonso Abela'** ***"****Nuqqas ta' 'proper lookout' u cioe nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali jammonta ghal sewqan traskurat."*

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet '**David Gatt vs Peter Calleja'** inghad li:

"*Biex persuna tinstab responsabbli ghad-danni, mhux necessarju li l-agir taghha tkun l-unika kawza tad-danni reklamat; anke jekk, b'xi mod, ikkontribwiet bin-negligenza taghha ghall-hsara, ma tistax tahrab mir-responsabbilta'. Kull persuna, ovvjament, trid twiegeb ghall-ghemil taghha, u mhux responsabbli ghall-agir negligenti u traskurat ta' haddiehor. Anke jekk kellha tirrizulta n-negligenza, mhux bizzejjed li tigi konstatata l-htija, imma hu mehtieg ukoll li jigi stabbilit li dik il-htija kkagunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod cert.*"

Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn

wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Kull xufier hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Is-sewwieq ta' esperjenza normali li ghandu responsabilita' t'anzjani fil-vettura tieghu, ghandu joqghod hafna aktar attent ghal dak li jkun ghaddej fit-triq. M'hemmx dubbju li s-sewwieq kjamat in kawza kellu sebgha snin esperjenza isuq ix-xarabanak u kien jaf xi tfisser responsabilita' ta' garr ta' nies. Bir-rispett kollu l-Qorti thoss li l-attrici mhux biss tghid li l-kjamat in kawza ghandu jinzamm responsabbli tal-incident pero' ghandha tfisser fejn l-istess kjamat in kawza naqas li juza dik id-diligenza ta' pater familjas rikjesta fil-ligi civili, meta kellu r-responsabilita' ta' numru ta' passigieri abbord.

Issa l-artikolu 22 tal-High Way Code jipprovdi "*Keep your vehicle in good condition. Pay particular attention to lights, brakes, steering, tyres direction and indicators..*" Issa dak hu proprju li ghamel il-kjamat in kawza, u cioe' li ta kaz ta' dak li kien ghaddej madwaru tant li ibbrejkja meta ra li kienet ser tinvestih vettura ohra. Il-kjamat in kawza tant kien attent u kawt li bbrejkja biex jevita dan is-sinistru.

Illi ghalkemm jista' jaghti l-kaz li il-break ma kienx wiehed felici, dan ma kienx ir-ragun tal-incident fejn korriet l-attrici. Il-Qorti tfakkar lill-partijiet li l-attrici ghazlet is-seat taghha meta telghet fuq ix-xarabank gja b'certu diffikulta' u ghazlet li tpoggi fuq seat fejn ma kienx hemm ilqugh. Mhux talli hekk talli kien hemm cinturin sabiex tintrabat u din naqset li taghmel uzu minnu. Li gara imbaghad kien li meta id-driver zamm il-break, kif del resto jista'jaghti n-necessita' waqt is-sewqan din waqghet ghal irkuptejha u ma felhitx tqum. Li kieku l-attrici kienet bilqieghda fuq seat iehor fejn ikun hemm l-ilqugh zgur li ma kienitx taqa' ghaliex kienet tinzamm bis-seat ta' quddiemha. Jinghad li l-attrici kienet taf dwar in-nuqqasijiet taghha u ghalhekk kien jispetta lilha tpoggi

f'post safe. Dan in-nuqqas taghha ma jistax ma jigix osservat minn din il-Qorti u kien dan l-agir inaspettat taghha li kien il-kagun ta' l-incident ghaliex bix-xjelta taghha li tpoggi fuq dak is-seat, hija esponiet ruhha ghal perikolu.

Illi ma giex pruvat li l-kjamat in kawza kien qed isuq b'xi mod perikoluz bhal per ezempju xi marki twal fit-triq ta' skid marks jew break marks. Lanqas ma ressqu xi xhieda bhala passiggiera li kienu fuq ix-xarabank jiddeskrivu s-sewqan antecidenti tal-kjamat in kawza.

Illi konsegwentemnt din il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici sofriet id-danni taghha minhabba l-ghazla taghha li tpoggi fuq seat fejn ma kienx hemm ilqugh u ghalhekk la l-kjamat in kawza u wisq inqas is-socjeta' konvenuta ma ghandhom iwiegbu ghal dan in-nuqqas u ghalhekk ghad-danni sofferti minnha.

**Konsegwentement din il-Qorti, filwaqt li qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tal-kjamat in kawza, qieghda tichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-attrici.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**